MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 73/2020 LM

**Ekramy Abdel Aziz Mobarak (K.I. nru 22147A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ekramy Abdel Aziz Mobarak (K.I. nru 22147A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-

Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tiegħu fil-konfront tal-**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [minn issa ’l quddiem ‘l-Uffiċjal Prinċipali appellat’], filwaqt li kkonferma l-Ordni ta’ Tneħħija maħruġa mill-istess Uffiċjal Prinċipali appellat, u stieden lil dan tal-aħħar sabiex jerġa’ jikkonsidra l-preżenza tal-appellant hawn Malta stante li huwa kellu tifla li magħha seta’ beda relazzjoni paterna.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern għalhekk jirrigwardaw l-Ordni ta’ Tneħħija li nħarġet fl-14 ta’ Awwissu, 2015 mill-Uffiċjal Prinċipali appellat kontra l-appellant, wara li huwa kien ġie kkonsidrat bħala immigrant ipprojbit *ai termini* tal-artikolu 5 tal-Kap. 217, hekk kif kien ġie misjub ħati ta’ reat mill-Qorti Kriminali fis-26 ta’ Novembru, 2007 u kkundannat għal piena karċerarja ta’ tnax-il sena. Dan filwaqt li huwa kellu relazzjoni ma’ ċerta Fakak Bouchra, li minnha twieldet it-tifla Yasmine Mobarak fl-1 ta’ Ġunju, 2005. Imma peress li l-istess Fakak Bouchra dak iż-żmien kienet miżżewġa lil ċertu Martin Farrugia, it-tifla kienet ġiet reġistrata mill-ewwel bħala bintu, u kien biss fuq proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim’Awla (Sezzjoni tal-Familja) li dik il-Qorti permezz tas-sentenza tas-16 ta’ April, 2020 iddikjarat li l-appellant huwa missier naturali tal-minuri Yasmine.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fit-15 ta' Awwissu, 2015 *ai termini* tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta wara l-ordni tat-tneħħija li nħarġet fil-konfront tiegħu fl-14 ta' Awwissu, 2015 skont l-artikolu 5 tal-istess Att.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord ċaħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"**Evidence produced and considerations of this Board***

*The Return Decision issued against the appellant was issued under Article 5(2)(d) of the Immigration Act. Furthermore, as an authenticated copy of the relative judgment was presented and as from a reading of that judgment it is clear that the appellant admitted to several charges brought against him, and was condemned to imprisonment for twelve years and to the payment of a substantial fine, there is no question that the Return Decision is legally sound.*

*During the sitting held on 28th January 2020, and therefore at a rather a late stage of proceedings, the Board was informed that the appellant had a pending paternity case in Malta before the First Hall of the Civil Court (Family Section), with the case reference being 243/2019AGV. The Board considered the outcome of this case as important.*

*The Board learned that in virtue of a judgment dated 16th April 2020, the First Hall of the Civil Court (Family Section) acceded to all the demands of the plaintiff (the appellant in these proceedings) and thus declared that the minor daughter in question was, in fact, his daughter, and not the daughter of the individual previously indicated on that daughter's birth certificate. It therefore emerges that the appellant has a fifteen-year old daughter.*

***However, there is absolutely no evidence that the appellant and his daughter have any meaningful familial connection notwithstanding the established biological***

***relationship. Neither the appellant nor the daughter testified anywhere in order to describe whether or not they had a relationship. The only vague allusion to a familial relationship was to be found in that part of the Family Court's judgment which reproduced the application before that court. It is clear that that cannot be evidence, as in that part of its judgment, the court would simply be reproducing what the plaintiff would have claimed in the application.***

*During an earlier sitting, this being on 12th June 2018, a copy of a case filed by the appellant before the First Hall of the Civil Court (Constitutional Jurisdiction) was prestented before this Board. The Board learned that this case, which bore reference 21/2018RGM, was decided on 20th May 2019 in such a way as that court ruled that at that time, he had not yet exhausted all ordinary remedies and could not, at that stage, bring his complaint before that particular court. This ruling did not enter into the merits of the appellant's case but simply stated that at that particular moment in time, the appellant had other means available to him. It was only after ordinary means were exhausted that one could turn to a court of constitutional jurisdiction.*

*For the sake of completeness, the Board notes that the appellant's application before the court of constitutional jurisdiction had indicated that the appellant had married a Maltese national in 1999. However, the couple separated in 2003 and divorced in 2017.*

*It had emerged from earlier sittings before this Board that the appellant had filed an application for refugee statues and been refused such status. He had also lodged an appeal before the Refugee Appeals Board, which appeal was also thrown out. He had subsequently filed a further application (as appears from the records of the sitting of 18th January 2017). No updates on that further application were ever forthcoming.*

*The Board considers that ever since these proceedings started, the appellant tried various avenues. He tried to obtain refugee status and failed. Then, he appealed before the Refugee Appeals Board and once again failed. The Board was then informed that he filed another application for refugee status. He then initiated constitutional proceedings but these were unsuccessful. Then, he filed the action before the First Hall Civil Court (Family Section) in order to have himself registered as the father of his biological daughter.*

*The Board respectfully observes that the appellant only decided to file the case before the First Hall Civil Court (Family Section) when his daughter was already fourteen years old. The appellant must surely have known that he was the father. In fact, in his application (as quoted by the judgment of the First Hall Civil Court [Family*

*Section]), he stated (but did not prove) that the daughter used to spend all her time with the appellant (her father). One must therefore ask why such proceedings did not take place at an earlier stage. The Board is in doubt whether the proceedings of acknowledging his daughter were yet another avenue which the appellant opted to use.*

*The Immigration Act does not require that Removal Orders or Return Decisions not be carried out should it be established that the person to be returned has children present in Malta. This notwithstanding, the Board does not ignore the existence of offspring. However, evidence of offspring, on its own, cannot lead to the quashing of a Return Decision. There must be evidence of a clear and postive familial relationship which would undoubtedly be severed or otherwise severely strained should the Return Decision be carried out.*

*Furthermore and in any case, the evidence produced before this Board consists of documentation only. The appellant had ample time to bring forth his evidence. However, he neither testified himself nor brought anyone else to testify. Had he wanted, he could have testified as to his relationship with his daughter, if indeed such a relationship exists. He could have also asked his daughter and her mother to testify. Lastly, neither is there any evidence that the appellant is maintaining this daughter."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fid-29 ta' Ottubru, 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"...tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija fis-16 t'Ottubru 2020 fl-ismijiet* Ekramy Abdel Aziz Mobarak vs L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, *u dan billi tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni tal-14 t'Awwissu 2015 u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellant sabiex jibqa' jgħix Malta flimkien ma' bintu minuri Yasmine Mobarak li tant iħobb u stinka biex jirrikonoxxieha.*

*Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni appellat".*

L-appellant jissottometti li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u anki tal-liġi, u jressaq is-segwenti aggravji: (i) l-esklużjoni tiegħu minn ħajjet bintu Yasmine bla ma jittieħdu inkonsiderazzjoni l-aħjar interessi tagħha, jammontaw għal ksur tad-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni']; (ii) il-Bord naqas milli jagħti importanza lit-tentattivi varji tiegħu sabiex jistabbilixxi familja f'Malta flimkien mas-sieħba tiegħu Fakak u binthom Yasmine; u (iii) il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti fir-rigward tad-dewmien tiegħu sabiex jistitwixxi proċeduri ta' paternità fil-konfront ta' bintu Yasmine.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

6. L-Uffiċjal Prinċipali appellat fl-ewwel lok jikkontendi li l-appell odjern huwa tardiv u għalhekk għandu jiġi dikjarat li huwa preskritt. Fil-mertu jikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija waħda korretta u għalhekk timmerita konferma fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra t-tliet aggravji mressqa mill-appellant, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet tal-Uffiċjal Prinċipali appellat, u meħudin inkonsiderazzjoni wkoll il-kostatazzjonijiet tal-Bord. Imma qabelxejn il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-ewwel sottomissjoni magħmula mill-

Uffiċjal Prinċipali appellat dwar it-tardività tal-appell odjern. Il-Qorti tagħraf li skont l-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord, id-deċiżjoni fil-każ tiegħu nqrat miċ-*Chairperson* waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2020, b'dana li l-imsemmi att kif diġà kellha l-opportunità li tirrileva din il-Qorti, la huwa ffirmat u lanqas awtentikat, u għalhekk ma jistax jitqies bħala prova tal-kontenut tiegħu. Għal din ir-raġuni l-Qorti ma ssibx li jeżistu provi suffiċjenti u tajba sabiex tiddikjara li l-appell odjern huwa tardiv.

8. L-Uffiċjal Prinċipali appellat iqajjem kwistjoni oħra, dik li l-appellant qed jitlob mill-Qorti li tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi hekk kif għamel il-Bord, filwaqt li dan imur kontra t-tagħlim ta' din l-istess Qorti kif espress minnha. Hawn jiċċita silta minn sentenza tagħha, kif diversament ippreseduta[1], sabiex jissostanzja l-argument tiegħu. Madankollu din il-Qorti tagħraf li mhux ċar jekk l-ilment tal-Uffiċjal Prinċipali huwa msejjes fuq dak li jipprovdi s-subartikolu (8) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217, jew fuq il-prinċipju ġenerali li qorti ta' reviżjoni ma tagħmilx evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi kif magħmul mill-ewwel qorti jew tribunal, sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u impellenti li jistgħu jwasslu għal preġudizzju lil xi parti jew oħra. Il-Qorti tirrileva li ma jidhirx li l-każ odjern huwa kopert bid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 fuq imsemmi, ġaladarba l-Ordni ta' Tneħħija hija msejsa fuq l-artikolu 5 tal-istess Kap. 217, wara li l-appellant kien ġie misjub ħati mill-Qrati Kriminali ta' reat punibbli permezz ta' piena ta' aktar minn sena ħabs. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li qed jitlob l-appellant li għandha tagħmel din il-Qorti, tgħid li mingħajr ma tfittex u

[1] Aleksandar Antanasov karta tal-identità numru 181121A *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinaza u l-Espatrijati, 09.07.2020, App. Nru 70/19 GM.

tagħrbel l-imsemmija provi, hija ma tkunx tista' tagħraf jekk iċ-ċirkostanzi jirrikjedux l-intervent tagħha jew le. Għal din ir-raġuni, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra s-sottomissjonijiet tal-appellant.

9. L-ewwel aggravju tal-appellant jittratta l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ('Il-Konvenzjoni'). Huwa qed isostni li l-esklużjoni tiegħu minn ħajjet bintu Yasmine mingħajr konsiderazzjoni tal-aħjar interessi tagħha, kien iwassal għal ksur tad-dritt tiegħu kif protett minn dak l-artikolu. In sostenn tal-argument tiegħu, l-appellant jiċċita silta minn deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. It-tieni aggravju tal-appellant ikompli jibni fuq l-ewwel wieħed, fejn filwaqt li jissottometti li l-Bord naqas milli jagħti importanza lit-tentattivi varji tiegħu sabiex jistabbilixxi familja ġewwa Malta, id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali appellat kienet ser iċċaħħdu mill-opportunità li jkompli jiżviluppa relazzjoni familjari ma' bintu, li skont hu kien tant iħobb u li kien ilu jmantniha sa minn meta twieldet. L-appellant għal darb'oħra jagħmel riferiment għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-interpretazzjoni li tali artikolu għandu jingħata fid-dawl tal-provi o meno li tressqu. It-tielet aggravju tal-appellant huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti meta kkonsidra li huwa kien dam ma istitwixxa l-proċeduri ta' paternità fil-konfront ta' bintu Yasmine. Jissottometti li r-raġuni tiegħu kienet in-nuqqas ta' flus speċjalment fiż-żmien li huwa kien qed jiskonta piena karċerarja u huwa kien jgħaddi l-introjtu tiegħu lil Fakak għall-manteniment tal-imsemmija binthom Yasmine.

10. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jilqa' billi jsostni li l-fatt li l-appellant irnexxielu jirrikonoxxi lill-minuri Yasmine bħala bintu permezz ta' proċeduri

ġudizzjarji, ma kienx ifisser li huwa rnexxielu juri li għandu relazzjoni familjari pożittiva magħha, anki għaliex il-provi opportuni qatt ma tressqu. Isostni wkoll li fid-dawl tal-fatt li l-appellant dam tlettax-il sena qabel ma intavola proċeduri għal dikjarazzjoni ta' paternità, l-appellant mhux ġustifikat jgħid li huwa ma kellux il-flus sabiex jintavola proċeduri qabel. Jissottometti li l-appellant seta' saħansitra jirrikorri għall-għajnuna legali. L-Uffiċjal Prinċipali jkompli jgħid li l-appellant stess jammetti li huwa ma kienx offra x-xhieda tiegħu u lanqas ġab bħala xhieda lis-sieħba tiegħu Fakak u lil bintu Yasmine quddiem il-Bord, u għalhekk kien inġust għall-Bord li jagħmel premessi fit-tul dwar dak li huwa għamel jew m'għamilx għal bintu matul is-snin. Hawnhekk huwa jagħmel riferiment għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u anki għall-każistika kkwotata mill-appellant in sostenn tal-fatt li relazzjoni bijoloġika ma kinitx biżżejjed sabiex tintwera *"...a close personal relationship to attract the protection of article 8",* u jkompli billi jirrileva li huwa fatt inkonfutabbli li anki l-liġi ma tagħmilx eċċezzjoni fejn ikun hemm tfal. Jissottometti wkoll li fejn l-appellant qed jagħmel riferiment għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti m'għandhiex il-poteri kostituzzjonali sabiex tagħmel id-dikjarazzjoni mitluba minnha, għaliex il-kompetenza tagħha toħroġ mis-subartikolu (8) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217. Jispjega li l-Ordni ta' Tneħħija kienet inħarġet bħala konsegwenza diretta tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, u din il-Qorti kellha tieħu inkonsiderazzjoni li r-reat li għalih insab ħati l-appellant kien wieħed serju u li l-Ordni ħarġet skont il-liġi. Jissottometti li din m'għandhiex titneħħa sempliċement għaliex erbatax-il sena wara t-twelid ta' bintu Yasmine, l-appellant iddeċieda li jirrikonoxxiha permezz ta' proċeduri ġudizzjarji għal dikjarazzjoni ta' paternità. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jagħlaq billi jissottometti li jekk din il-Qorti mbagħad

jogħġobha tilqa' l-appell, hija għandha tibgħat lura l-atti lill-Bord u mhux tissostitwixxi l-poter deċiżjonali tiegħu.

11. Filwaqt li l-Qorti tgħid li l-Bord għall-kuntrarju ta' dak li ssottometta l-appellant, qies id-diversi provi tal-appellant u t-tentattivi tiegħu sabiex jibqa' hawn Malta permezz ta' proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sezzjoni tal-Familja), sewwa kkonsidra li l-appellant naqas milli jressaq provi in sostenn ta' dak kollu li huwa kien qed jallega, u saħansitra naqas milli joffri x-xhieda tiegħu stess. Għal dak li jirrigwarda l-kostatazzjoni tal-Bord fir-rigward taż-żmien li l-appellant ħalla jgħaddi qabel ma istitwixxa l-proċeduri ġudizzjarji opportuni għal dikjarazzjoni ta' paternità, filwaqt li l-Qorti tirrileva li din ma kinitx l-unika konsiderazzjoni li waslet lill-Bord għad-deċiżjoni appellata, tirrileva li l-appellant dejjem kellu d-dritt li jitlob għall-għajnuna legali sabiex jintavola dawk il-proċeduri, u għalhekk il-Qorti tqis li mhijiex raġuni tajba l-fatt li huwa kien qiegħed il-ħabs matul snin twal, fejn l-uniku introjtu li kellu kien jgħaddih lil omm il-minuri għall-manteniment tagħha. Għalhekk l-ilmenti tal-appellant mhumiex ġustifikati.

12. Għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti mill-ewwel tirrileva li hija m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tiddeċiedi lmenti ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti mill-Konvenzjoni u l-appellant għandu jippreżenta l-ilment tiegħu lil dik il-qorti mogħnija bis-setgħat appożiti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant għar-raġunijiet fuq imfissra, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali appellat tal-14 ta' Awwissu, 2015.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**